MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1126/2002

**Atef Dora**

**vs.**

**Rina Spiteri mart l-istess Atef Dora f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Shakira Dora; Christian Bugeja; id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-Att tat-Twelid, iskritt bin-numru 1325 li dahal fir-Registru Pubbliku fis-16 t'April 2002, liema dokument huwa hawn anness bhala Dok "A", hemm irregistrat illi fit-12 t'April 2002 twieldet it-tifla li nghatat l-ismijiet "Shakira, Helen, Maria", imsejha "Shakira", lill-konvenuta Rina Spiteri, u illi zewgha l-attur Atef Dora, huwa l-missier;

Illi l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifla Shakira, li effettivament twieldet minn relazzjoni ta' adulterju bejn il-konvenuta Rina Spiteri u l-konvenut l-iehor Christian Bugeja;

Illi l-attur ghandu nteress li ma jibqax ikkunsidrat u rregistrat bhala l-missier, gjaladarba mhuwiex, kif jigi ppruvat fis-smiegh tal-kawza, u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet u thassir relevanti fl-Att tat-Twelid imsemmi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-attur Atef Dora mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija moghtija l-ismijiet "Shakira, Helen, Maria" u msejha "Shakira", li twieldet fit-12 t'April 2002 lil martu l-konvenuta Rina Spiteri;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid, iskritt bin-numru 1325 tas-sena 2002 (Dok. "A"), fis-sens illi, fejn hemm l-intestatura "Taghrif dwar Missier it-Tarbija", taht il-kolonna "Isem u Konjom", jithassru l-kliem "Atef Dora", u taht il-kolonni sussegwenti cjoe' "Id-Dokument tal-Identita`", "Eta`", "Fejn Twieldu – Joqoghdu", u "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet", tithassar kull informazzjoni ezistenti, li tirreferi u li hi konnessa mal-attur Atef Dora.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 t'Ottubru 2002 fejn talab lill-Qorti tahtar kuratur *ad litem* sabiex jirrapprezenta lill-minuri Shakira bint Rina Spiteri.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-10 t'Ottubru 2002 fejn cahdet it-talba *stante* li l-istess minuri ma jidhirx li hi parti fil-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta' Frar 2003 a fol. 17 fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu, bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentifici li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 1325 tas-sena 2002 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi jekk ikun il-kaz din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-missier naturali huwa Christian Bugeja, haga li ma ntalbitx, l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha ta' Christian Bugeja.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 17 sa 19 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta' Marzu 2003 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 t'April 2003 fejn Dr. Mark Busuttil ghall-konvenuti Rina Spiteri u Christian Bugeja ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u ha kopja tal-istess. Dr. Kenneth Cutajar ghall-attur talab li jsiru testijiet xjentifici fuq l-attur u l-minuri. Dr. Mark Busuttil talab zmien sabiex jikkomunika mal-klijenta tieghu u jirregola ruhu dwar l-istess.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 t'April 2003 li permezz taghha rriserva l-kontro-ezami tax-xhieda li ta l-attur permezz tal-affidavit tieghu.

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 ta' Mejju 2003 fejn talab li jizdied l-isem Shakira Dora bhala konvenuta, u li l-Qorti tahtar kuratur *ad litem* ghall-istess minuri bint Rina Spiteri.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2003 fejn laqghat it-talba u d-Digriet taghha tal-llum stess fejn konsegwenti ghall-istess Digriet innominat lil Rina Spiteri wkoll bhala kuratrici *ad litem* tal-istess minuri u konsegwentement ordnat li jsiru korrezzjoni appoziti fl-okkju tac-citazzjoni attrici u fl-atti kollha tal-kawza fis-sens li l-konvenuta tigi indikata bhala "Rina Spiteri f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri Shakira Dora".

Rat il-verbali tal-20 ta' Mejju 2003 fejn inghataw id-dettalji tal-konvenut Christian Bugeja, u dawn huma s-segwenti:-

- *"Christian Bugeja, disabled pensioner, bin il-mejtin Constantino Bugeja u Helen nee' Vidal, imwieled Pieta' u residenti Bormla, bin-numru tal-karta tal-Identita' 227274M".*

Dr. Mark Busuttil ipprezenta l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *seduta stante* u nforma lill-Qorti li l-istess konvenuti lesti joqoghdu ghat-testijiet medici necessarji. In vista ta' dan il-Qorti nnominat lil Christopher Farrugia bhala Espert Xjentifiku biex jaghmel it-testijiet tad-DNA tal-partijiet fil-kawza u tal-minuri a spejjez attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Christian Bugeja datata pprezentata fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2003 a fol. 36 tal-process, fejn gie eccepit:-

1. Illi hu minnu li l-minuri bl-ismijiet "Shakira, Helen, Maria" li twieldet fit-12 t'April 2002 hi frott mir-relazzjoni li l-istess esponent kellu u ghad ghandu ma' Rina Spiteri;

2. Illi minghajr pregudizzju ta' suespost hu korrett li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji biex l-istess esponent Christian Bugeja jigi ddikjarat il-missier naturali tal-minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Christian Bugeja a fol. 36 u 37 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rina Spiteri pprezentata fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2003 a fol. 38 tal-process, fejn gie eccepit:-

1. Illi hu minnju li l-minuri bl-ismijiet "Shakira, Helen, Maria" li twieldet fit-12 t'April 2002 hi frott mir-relazzjoni li l-istess esponenta kellha u ghad ghandha ma' Christian Bugeja;

2. Illi minghajr pregudizzju ta' suespost hu korrett li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji biex l-istess Christian Bugeja jigi ddikjarat il-missier naturali tal-minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Rina Spiteri a fol. 38 u 39 tal-process.

Rat il-verbali tal-14 t'Ottubru 2003 fejn l-Espert Xjentifiku Christopher Farrugia kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 25 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Espert Xjentifiku Christopher Farrugia.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Atef Dora** permezz tal-procedura tal-affidavit xehed illi:-

*"Jiena u l-konvenuta Rina Spiteri zzewwigna fit-3 ta' Mejju 2001, kif indikat fid-Dokument "B" ipprezentat mac-citazzjoni u ghexna flimkien ghal ftit xhur biss sal-bidu tas-sena 2002, fil-'flat' li kont krejt u fejn ghadni noqghod f'Haz-Zebbug. Qabel ma telqet mid-dar matrimonjali, kienet gja' tqila bit-tarbija Shakira, li twieldet fit-12 t'April 2002, u li kif jidher fic-certifikat tat-twelid Dok "A", hija rregistrata bhala binti.*

*Rina minn dejjem kienet issemmi u titkellem mieghi dwar certu Christian Bugeja l-konvenut l-iehor, u dana anke fi zmien illi harget tqila. Fil-fatt meta telqet mid-dar matrimonjali, hija marret tghix ghand dan Christian id-dar tieghu f'Bormla u qatt ma rritornat lura ghandi, fis-sens illi hija nqatghet kompletament mid-dar taz-zwieg u baqghet tghix mieghu. Qabel ma zzewwigna, Rina kellha relazzjoni ma' Christian Bugeja u sahansitra, minnu ghandha tifel ukoll. Illum ghadha tghix mieghu, flimkien mat-tifel u Shakira.*

*Darba minnhom xi gimgha qabel ma twieldet Shakira, Rina giet ghandi biex intiha xi flus u fil-fatt hekk ghamilt. Kont staqsejtha meta ser titwieled it-tarbija, ghaliex ghalkemm kienet telqitni jiena kont interessat billi kont minghalija li jiena l-missier. Hija wiegbet li ma tafx meta ser titwieled it-tarbija u bqajna illi meta jkun il-waqt, hija ser iccempilli. Fil-fatt qatt ma cemplet u meta twieldet it-tifla, jiena ma kontx prezenti.*

*Eventwalment kont cempiltilha jien, u nfurmatni li kellha tifla u b'hekk ghidtilha sabiex immorru nirregistrawha. Hija pero' wegbitni illi jiena ma ghandix nirregistraha peress illi kif qaltli hi "dik mhux tieghek". Fil-fatt kif juri Dok "A", ma kontx jien izda Rina li ghamlet id-dikjarazzjoni tat-twelid u jien tnizzilt bhala l-missier ghaliex mizzewweg lil Rina. Kemm Rina kif ukoll Christian kienu qaluli illi t-tifla hija ta' Christian. Jiena lest li jekk ikun hemm il-htiega, nissottometti ruhi ghall-ezamijiet xjentifici u nressaq*

*xhieda medici u esperti biex jikkonfermaw illi Shakira mhijiex it-tifla tieghi".*

## (ii) PRINCIPJI LEGALI U APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-attur qed jallega li martu welldet tarbija bl-isem Shakira li giet registrata fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att tat-Twelid numru 1325/2002 (Dok "A"). Illi fl-imsemmi Att tat-Twelid, l-attur gie ndikat bhala missier it-tarbija meta fil-fatt m'huwiex a tenur tal-**artikolu 70 (1) (a) (b) u (d) tal-Kodici Civili;** u ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija Shakira li welldet martu fit-12 ta' April 2002.

2. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid numru 1325/2002 riferibbli ghar-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija Shakira fil-kolonna relattiva ghat-taghrif dwar missier it-tarbija, isem u kunjom l-attur jigi mhassar kif ukoll jigu mhassra l-konnotati tieghu indikati fil-kolonni dwar iddokument ta' l-identita', l-eta', il-post tat-twelid, post tar-residenza w isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A. J. M.) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha.*

*Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lil diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A.(RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *ta' pussess ta' stat (u dan skond kif*

*definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni, kif *di piu'* ndikata fic-citazzjoni attrici giet istitwita skond il-parametri tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jiddisponi li:-

*"Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:-*

*(a) jekk jipprova li, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul iz-zwieg ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn jekk jipprova xi fatt iehor (li jista' jkun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`".*

Illi wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jipprovdi li tali azzjoni mir-ragel ta' martu u omm tal-istess tarbija trid issir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid, jekk ir-ragel dak iz-zmien ikun jinsab Malta, u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li tali kawza saret fit-terminu preskritt peress li l-istess tarbija twieldet fit-12 ta' April 2002 u c-citazzjoni attrici giet prezentata fid-9 ta' Ottubru 2002.

Illi mir-rizultat tat-testijiet xjentifici jidher li l-konvenuta kkommettiet adulterju ghaliex kellha relazzjonijiet intimi ma' persuna ohra, Christian Bugeja, wiehed mill-konvenuti f'din il-kawza, u mhux l-attur li kien zewgha, liema rizultat ta' din ir-relazzjoni extra-maritali kien il-wild tal-istess minuri, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li gew sodisfatti d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16,** anke ghaliex jidher li l-istess konvenuta hbiet din ir-relazzjoni minnu.

Illi apparti dan u abbazi ta' dak provdut fl-**artikolu 70 (3) tal-Kap 16** din il-Qorti stiednet lill-partijiet involuti f'dan il-kaz sabiex jaghmlu testijiet xjentifici sabiex tigi stabbilita l-prova genitika li ghandha x'taqsam mal-kaz. Ghal dan il-ghan fil-fatt gie nnominat espert xjentifiku li fir-rapport tieghu datat 4 ta' Ottubru 2003 kkonkluda li *"mir-rizultati miksuba* (li jinsabu annessi fid-*DNA Paternity Test Report"* mal-istess rapport mahluf fl-14 ta' Ottubru 2003) *bl-ebda mod ma jista' jigi eskluz li l-missier Christian Bugeja m'huwiex il-missier biologiku ta' Shakira. Il-probabbilta' (likelihood ratio) li Christian Bugeja hu l-missier naturali tal-wild Shakira hi ta' 99.99%".*

Illi fl-istess *DNA Paternity Test Report* fuq riferit inghad li:-

*"DNA profiling was performed on samples collected from the Mother (Date of birth: 30/05/1982), the Alleged Father (Date of birth: 16/04/1974) (Christian Bugeja), and the*

*Child (Date of Birth: 12/04/2002). In the 15 of the 15 loci tested, the DNA results do not exclude the Alleged Father from being the biological father of the Child tested. Assuming that the samples collected from the above-mentioned persons, these results are consistent with the Alleged Father being the biological father of the Child tested. The results indicate a Combined Paternity Index (CPI) of 115,106,675. The probability of paternity is at least 99.99% as compared with an untested unrelatied Caucasian man".*

Illi mill-istess rapport jirrizulta li l-kampjuni tas-saliva gew prelevati mill-espert xjentifku nominat mill-Qorti Christian Farrugia fl-1 ta' Awissu 2003 u ttiehdu l-laboratorju minnu stess fl-4 ta' Awissu 2003, u abbazi tal-istess kampjuni hareg ir-rapport indikat.

Illi l-istess rapport ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-partijiet fil-kawza u allura jidher car li l-azzjoni attrici ghandha tigi milqugha, u li l-istess minuri hija fil-fatt bint naturali tal-konvenut Christian Bugeja u mhux tal-attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku nkwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u fuq ammissjoni tal-konvenuti Christian Bugeja u Rina Spiteri, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-attur Atef Dora mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija moghtija l-ismijiet "Shakira, Helen, Maria" u msejha "Shakira", li twieldet fit-12 t'April 2002 lil martu l-konvenuta Rina Spiteri;

*2.* Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid, iskritt bin-numru 1325 tas-sena 2002 (Dok. "A"), fis-sens illi, fejn hemm l-intestatura "Taghrif dwar Missier it-Tarbija", taht il-kolonna "Isem u Konjom", jithassru l-kliem "Atef Dora", u taht il-kolonni sussegwenti cjoe' "Id-Dokument tal-Identita`",

“Eta`”, “Fejn Twieldu – Joqoghdu”, u “Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet”, tithassar kull informazzjoni ezistenti, li tirreferi u li hi konnessa mal-attur Atef Dora u minflok jigi indikat li l-konvenut Christian Bugeja huwa l-missier tal-istess minuri u ghalhekk jigu inseriti d-detttalji kollha necessarji u relattivi tal-istess konvenut Chirstian Bugeja, li jindikaw li huwa l-missier tal-istess tarbija nkluzi d-dettalji u l-konnotati tieghu *“Christian Bugeja, disabled pensioner, bin il-mejtin Constantino Bugeja u Helen nee’ Vidal, imwieled Pieta’ u residenti Bormla, bin-numru tal-karta tal-Identita’ 227274M”* skond il-kaz u skond il-formula tal-istess certifikat tat-Twelid tal-minuri u kull dettal iehor relattiv li jindika li l-istess konvenut huwa l-missier tal-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuta Rina Spiteri proprju u l-konvenut Christian Bugeja, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut l-iehor, lill-minuri u l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------